## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 43/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Lawrence Sultana**

**<u>Illum 21 ta' Frar, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Lawrence Sultana** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **3558G** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-30 ta' Gunju 2017, ghall-habta ta' 2.30 ta' filghaxija, gewwa ir-residenza 'Fleur House', triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu,1979, Rabat Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' hadddiehor f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lawrence Galea skond ma' certifika Dr.Joseph Galea M.D minn centru tas-Sahha ta' Rabat Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba illi minn barra li tinfliggi stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Lawrence Galea u terzi persuni sabiex tinzamm il-buon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' flus iffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' 'Novembru, 2023, fejn sabet lil Lawrence Sultana hati tal-akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' tnax (12) –il xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-akkuzat, fi kliem car u li jinfitiehem, ir-responsabiltajiet tiehu taht l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre, bl-appilkazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghamlet Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-akkuzat a favur ta' Lawrence Galea ghall-perjodu ta' sentejn (2) li ghandu jibda jiddekorri mid-data tallum.

Finalment, bl-appilkazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hati jhallas is-somma ta' mija u ghoxrin ewro (€120) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti u/jew periti liema pagament ghandu jsir fi zmien xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Lawrence Sultana, preżentat fl-fir-reġistru ta 'din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Dicembru, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassar u tirrevoka fl-intier taghha s-sentenza appellata, moghtiha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Novembru 2023.
- Tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u fin-nuqqas subordinament tvarja l-piena nflitta billi tirriduci jew tnehhi t-terminu ta' prigunerija sospiza mposta fuq l-appellant u tirriduci jew tnehhi wkoll il-perjodu operattiv tas-sentenza jew inkella timponi ordni taht xi wiehed mill-Artikoli tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta jew inkella timponi xi piena ohra aktar ekwa u gusta fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-Appellant jissottometti li dan kien kaz car ta 'legittima difeza li jinkwadra perfettament f'dak li jiddisponi l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali **u allura ma kienx reat.** L-appellant jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tasal ghal din il-konkluzjoni wara li ezaminat ix-xhieda u dokumenti prodotti.

L-**Artikolu 233** tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-

"***Ma hemmx reat*** *meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima ta wiehed innifsu jew ta haddiehor"*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta 'l-Appell Kriminali fl-24 ta 'April 2003 (Imhallfin Raymond C Pace, David Scicluna u Joseph R Micallef) fil-kaz '**<u>Ir-Repubblika ta ' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina</u>** l-Qorti tghid hekk fuq il-legittima difeza:-

**"***Illi fl-artikolu 233 tal-Kodici Kriminali tistipula illi f kaz ta legittima difeza ma hemmx reat....".*

L-ewwel Qorti fil-konkluzjonijiet taghha (pagna 44) tghid:-

*"Biex tapplika d-difiza tal-legittima difesa trid necessarjament thares lejn il-kriterji li trid il-ligi. Biex tissussiti l-legittima difesa jrid ikun hemm perikolu minaccjar, li jehtieg ikun ingust,gravi u inevitabbli.*

*Il-Qorti thoss li dawn il-kriterji gew ippruvati sal-grad ta probailita ...."*

Allura hawn johrog li l-Ewwel Qorti stess qalet li l-kriterji mehtiega biex tigi invokata l-legittima difesa f'dan il-kaz jezistu u gew ippruvati sal-grad rikjest mill-imputat. La darba l-Qorti stess waslet ghal konkluzjoni li dawn il-kriterji gew ippruvati sal-grad ta 'probabilita 'mill-akkuza allura kellha tillibera ghax ma kienx hemm reat.

Fil-kaz '**<u>Ir-Repubblika ta 'Malta vs Eleno sive Lino Bezzina</u>** " diga citata aktar l'fuq l-Qorti tghid hekk:-

*Illi l-unika eccezzjoni ghad din ir-regola huwa propju l-ewwel difiza mqajma mill-akkuzat li hija dik tal-legittima difesa, dak l-inglizi jsejtu Self-defence ghaliex kif tajje diga ntqal likom skont l-artikolu 223 tal-kodici kriminali taghna dan il-qtil, dan l-omicidju, ma huwiex fil-kazi ikkontempleti taht dan l-artikolu ikkonsidrat bhala reat mill-ligijiet ta pajjizna. L-artikolu infatti jghid- ma hemmx reat meta l-omicidju je wl-offiza fuq il-persuna (fil-kaz taghna hija offiza fuq il-*

*persuna), huma ordnati jew permessi mill-ligi, jew minn awtorita legittima ta wiehed innifsu jew ta haddiehor"*

L-Imhallef fl-indirizz tieghu ikompli:-

*Illi meta allura l-ligi tipprovdi illi meta bniedem isib ruhu f dawn ic-cirkustanzi u ma jista jaghmel xejn aktar biex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta min qed jaggredih, il-ligi tipprovdi ghal din l-eccezzjoni fejn bniedem ikun jista jiehu l-hajja ta haddiehor minghajr ma jkun ikkommetta reat".*

Issa fil-kaz taghna l-appellant bl-ebda mod ma pprova jiehu l-hajja ta' haddiehor izda ddefenda ruhu u l-familja tieghu billi mbotta lil Galea 'l barra meta dan ma riedx jisma' u baqa' jaggredieh - infatti kien diga tefa' lill-appellant izjed minn darba fl-art.

Fil-kaz **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina</u>** jkompli jinghad fir-rigward 'l-kuncett ta' 'legittima difeza f'dan il-guri u huwa ikkowotat fl-appell:-

*"jekk intom ghalhekk tkunu konvinti imqar sal-grad tal-probabli, ghax wara <u>li dawn kienu probaliment kif graw l-affarijiet, allura ma ghandkhomx issibu lill-akkuzat ta omicidju volontarju ghaliex ikun agixxa fid-difiza legittima tieghu, li ma huwiex reat"</u>*

Mix-xhieda prodotti johrog car li l-imputat Lawrence Sultana kien qed jiddefendi lilu innifsu u lill-familtu. M'hemmx dubju li dan gie pruvat zgur sal-grad tal-probabbli li trid il-ligi mill-imputat.

Izda l-Qorti flok illiberat kif kellha taghmel ai termini tal-Artikolu 223 l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li "*Izda johrog car li r-reazzjoni tal-imputat li jiddefendi ruhu kienet eccessiva u mhux proporzjonali*". Hawn fejn l-appellant ma jaqbilx.

Hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna li dahlu fid-dettal tal-kuncett ta 'legittima difesa u meta din tista tigi eccepita b'success. Hawn ser naghmel referenza ghall-Appell deciz mill-Qorti ta 'l-Appell kriminali (peseduta mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano) fl-14 ta' Frar 2003 fil-kaz **<u>il-Pulizija vs Karmenu Cutajar.</u>**

Minn ezami ta' din is-sentenza johrog illi biex wiehed ikun jista' jeccepixxi b'success il-legittima difeza skont l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali hu mehtieg li jirrizulta, imqar fuq bazi ta' probabilita' li l-akkuzat ikun ikkaguna offiza fuq il-persuna biex jiddefendi ruhu jew biex jiddefendi lil haddiehor minn **hsara ingusta, gravi u inevitabbli.**

**Hsara hi meqjusa li tkun gravi** jekk tkun diretta lejn il-inkolumita' personali ta' dak li jkun, jigifieri jekk dak li jkun (u allura jagixxi biex jiddefendi lilu innifsu jew lil

haddiehor billi jipprova jevita dik il-hsara) jirraviza offiza fuq il-persuna tieghu jew ta' ħaddieħor gejja mill-persuna li kontra taghha jagixxi. M'hemmx dubju li fil-kaz in ezami, fejn allura Lawrence Galea mar fid-dar tal-appellant u habat ghalih u ghall-martu u ma obdiex ordni biex jitlaq 'il barra, l-hsara hi meqjusa li hi gravi u li l-appellant kellu ghax jibza' li dan Galea tant kien irrabjat li kien lest jaghmel kollox kif fil-fatt beda jaghmel u waqaf biss meta l-appellant irnexxielu bil-mezzi li seta' jimbuttah minn fuqu u 'l barra mid-dar tieghu.

**Il-hsara trid tkun ukoll inevitabbli,** fis-sena li tkun attwali (fis-sens ta' dak il-hin stess, mhux semplici manacca ta' xi haga fil-futur), improvista u impreveduta, u li ma tkunx tista' tiġi ragjonevolment evitata b'xi mod iehor billi dak li jkun jikkawza l-offiza fuq il-persuna tal-aggressur jew joqtlu. Anke hawn fil-kaz taghna il-hsara kienet inevitabbli. L-appellant kien ghall-affari tieghu fil-garage tieghu meta dahal fuqu Lawrene Galea li kien irrabjat ghax telqitu bint l-appellant. Dan habat ghall-appellant li minn naha tieghu qatt ma seta' jipprevdi dan l-attakk fuqu u familtu u kull meta seta' jaghmel kien li jiddefendi ruhu wara li ordna lil Galea biex jitlaq 'il barra u dan flok telaq tefghu mal-art u beda jaghtih go sidru, meta kien jaf li jbati b'mard tal-qalb. Zgur li f'dan il-kaz il-manacca kienet attwali, ta 'dak il-hin u mhux xi haga tal-futur.

Fl-ahhar nett, **il-hsara tkun meqjusa ingusta** jekk ma tkunx ordnata jew permessa mill-ligi jew mill-awtorita 'legittima'. Anke dan l-element huwa altru milli sodisfatt. Lawrence Galea ma kellu l-ebda awtorità li jidhol fid-dar tal-appellant u jahbat ghalih. Anzi kien obbligat li la darba l-appellant ordnalu johrog minn daru kellu jitlaq mill-ewwel.

**Jehtieg finalment li jkun hemm element ta' proporzjonalita' bejn il-preillu ravvizat u l-mezz adoperat biex jigi evitat dak il-periklu.** L-appellant ipprova biss li jnehhi lil Lawrence Galea minn fuqu kull darba li dan tefghu fl-art kif ukoll li jorgu barra mill-garage tieghu biex tieqaf l-aggressjoni fuqu. Bie ghamel dan huwa ma uza l-ebda arma jew oggett iebsa izda biss iddefendi lilu nniffsu b'idejh u partijiet ohra minn gismu. Zgur li din kienet azzjoni aktar mill proporzjonata ghaliex f'dik is-sitwazzjoni kien ikun ukoll gustifikat kieku qabad xi oggett milli kellu fil-garage u iddefenda ruhu bih xi haga li ma ghamilx.

Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Salvu Psaila</u>"** deciza fid-9 ta' Novembru 1963 mill-Onor Imhallef A.V Camilleri tghid hekk:-

> *...l-gustifikazzjoni tal-legittima difeza timplika li:-*
>
> 1) *Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalhekk dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppura min bl-imgieba u*

*kontenju tieghu, ikun kawza immedjata qabel ma jinstab il-periklu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita' piena jew shiha;*

2) *Id-deni jrif ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni, u fl-ahharnett li;*

3) *Id-deni jkun inveitabbli l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita' tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-'feci sed jure feci' ma jistax jghid li jkun ipprova l-legittima' ta' l-att 'per se' atiguridiku tieghu. Jinghat imbghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovranstanti jridu jkunu ta' gravita' u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jigi evitat irid ikun hemm proporzjonalita''".*

Meta wiehed jezamina dawn l-elementi kif elenkati mill-Imhallef Camilleri f'din is-sentenza m'hemmx dubju li dak li ghamel l-appellant jinkwadra perfettament **nkluz illi l-azzjoni tieghu kienet wahda proporzjonata.**

Ghaldaqstant l-esponenti jsosti illi mix-xhieda u provi ohra prodotti huwa ma ghandux jinstab hati tal-uniku akkuza migjuba kontra tieghu u ghandu jigi liberat minnha.

**It-tieni aggravju**

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju suespost u subordinament ghall-istess, l-appellant jissottometti li l-piena inflitta hija wahda esagerata u ghandha tigi mnaqqsa tenut kont ta 'dak li sehh u l-fatt li l-ewwel Onorsabbli Qorti sabitu hati ta ' tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u wara li qieset id-difiza tal-legittima difesa izda li huwa hareg mill-limitu tal-proporzjon u r-reazzjoni tieghu kienet wahda eccessiva. Irid jinghad illi fl-appilkazzjoni tal-appell tal-piena l-ewwel Onorabbli applikat Artikolu 277(d) u 228 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta 'Malta.**Issa dawn l-Artikoli jippreskrivu l-pieni ghall-omicidju volontarja skuzabbli u mhux ghall-offiza volontarja skuzabbli.** Minn hawn jirrizulta ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti tat piena tant qawwija ghaliex applikat Artikoli hziena li huma mahsuba ghall omicidji volontarji u mhux ghall-offiza volontarja fuq il-persuna li ssir minghajr il-hsieb li wiehed joqtol jew li jqieghed il-hajja ta 'haddiehor f'periklu car.

Infatti l-**Artikolu 277 (d) tal-Kodici Kriminali** jghid:-

> *"L-omicidju volontraju skuzabbli:-...*
>
> *(d) jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun tagixxi taht cirkustanzi msemmijin fl-artikolu 223, tohrog barra mill-limiti impost mill-ligi jew mill-awtorita , jew mill-bzonn.*
>
> *Izda dan l-access ma jkunx suggett ghal piena jekk ikun sar minhabba li l-persuna tkun inhasfet, bezghet jew twerwret."*

*L-Artikolu sussegwenti, cioe l-Artikolu 228 tal-Kap 9 , applikat ukoll mill-ewwel Onorabbli Qorti fih tlett paragrafi li kollha jibdew Fil-kaz ta omicidju volontarju skuzabbli skont il-paragrafu..."*

M'hemmx dubju li l-ewwel Onorabbli Qorti biex waslet ghall-piena applikat artikoli li huma intizi ghall-omicidju volontarju.

Illi dan sar bi ksur tal-**Artikolu 382 tal-Kap 9** li jghid:-

> *"Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, **ghandha** tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta dan il-kodici jew ta kull ligi ohra li tkun tikkomtempla r-reat"*

Minn dan l-artikolu johrog car li huwa tassattiv li l-Qorti ssemmi l-artikoli korretti meta taghti s-sentenza. Dan ma sarx anzi saret referenza ghall-artikoli li jgorru piena ferm ehrex minn dak tar-reat li ghalih ried iwiegeb l-appellant. ( pagna 46 tas-sentenza appellata).

Hekk isegwi li din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 428(3) tal-Kap 9 ghandha thassar is-sentenza appellata u tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu.

> *"L-istess isir meta l-qorti superjuri issib li nkisret jew li ma saritx xi formalita li trid il-ligi taht piena ta nullita jew li tkun xort ohra sostanzjali".*

Illi dan sar minn din l-Onorabbli Qorti li quddiema qed jigi sottomess l-Appell fis-sentenza taghha fl-Appell numru 346/2017 fl-ismijiet **"Il-Pulizija ( Spettur Bernard Charles Spiteri ) vs Dione Lautier"** deciza fis-26 ta' Ottubru, '2018 fejn l-ewwel Qorti indikat hazin l-Artikolu tal-Ligi fis-sentenza taghha u l-Qorti tal-Appell ghaddiet biex applikat l-Artikolu 382 u 428 (3) tal-Kap 9 u annullat s-sentenza u ddecidiet mill-gdid fuq il-mertu.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, anke jekk is-sentenza ma tigix annullata minhabba n-nuqqas indikat, xorta wahda johrog car li l-ewwel Onorabbli Qorti

applikat Artikoli tal-Kap 9 li mhumiex korretti bie xtat il-piena lill-appellant u ghalhekk dan inghata pien aeccessiva.

Hawn ghandna kaz fejn persuna dahlet fid-dar tal-appellant b'rabja fuqha ghaliex bint l-appellant kienet ghadha kemm hassret ir-relazzjoni li kellha mieghu. Minkejja li gie ordnat johrog minn go dar l-appellant ghall-aktar minn darba din il-persuna (Lawrence Galea) baqghet hemm gew u habtet ghall-appellant li minn naha tieghu iddefenda ruhhu kif setgha.

Illi zgur li piena karecrarja ma kienitx il-piena idonea ghal dan il-kaz fejn l-appellant kellu

I. Jiffacja persuna irrabjat li marret go daru stess;

II. Jiffacja persuna zghazugha meta l-appellant huwa anzjan;

III. Jordna lil Lawrence Galea biex johrog minn daru u dan jirridjuta;

IV. L-istess Lawrence Galea habat ghall-appellant u tefghu fl-art kemm il-darba;

V. L-appellant qala' daqqiet go sidru minn ghand Galea meta dan l-istess Galea kien jaf li l-appellant jbati b'mard tal-qalb;

VI. L-appellant iddefenda ruhu u ma uza l-ebda rama jew oggett biex ghamel dan izda biss issara ma Galea biex johrog minn go daru.

L-appellant jaghmel referenza ghas-**sentenza** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (preseduta mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano) fl-4 ta' Frar 2003 fl-appell numru 228/2002 fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Karmenu Cutajar</u>".** F'dan il-kaz simili hafna ghal dak in ezami fejn Cutajar uza invell (oggett iebes) biex iddefenda ruhu kontra aggressjoni li saritlu u ikkawza sfregju fil-wicc l-Qorti sabiet li kien hemm l-access fil-legittima difeza izda marret ghal multa ta' mija u sitta u sittin Lira Maltin (LM166) u mhux piena karcerarja meta qieset ic-cirkustanzi.

Kaz iehor li l-appellant irid jaghmel referenza ghalih hija **s**-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Prim Imhallef Vincent De Gaetano) fis-6 ta' Jannar 2003 fl-appell fl-ismijiet **"<u>Il-Pulizija vs Julian Mercieca</u>".** Persuna li kkagunat ferita gravi u l-Qorti ma sabitx li kien hemm l-legittima difeza u gie liberat taht l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

L-appellant ghandu kwazi wiehed u sittin (61) sena u f'hajtu kollha qatt ma deher quddiem il-Qorti. **Infatti ghandu fedina penali netta kif jirrizulta mill-process.** Nonostante dan l-ewwel Onorabbli Qorti hasset il-bzonn li tinfliggi piena karcerarja li zgur li ma kien xflokha f'dan il-kaz.

Jekk wiehed jara dawn il-fatti li ma huma kontradetti imkien fil-process kollu jasal ghall-konkluzjoni li ma kellhiex tinghata piena karcerarja anke jekk jirrizulta li kien

hemm reat- cioe′ kien hemm l-access tal-legittima difeza. (haga li l-appellant jsostni li ma kienx hemm u li hu ddefenda ruhu kif seta mill-aggressjoni ta′ Galea f'daru stess). Ghalhekk l-appellant jitlob li jekk tinstab htija u ma jintlaqax l-ewwel aggravju jigi applikat l-Artikolu 9 tal-Kap 152 jew fin-nuqqas tinghata xi piena aktar idoneja.

Semgħet lill-partijiet jitrattaw fis-seduta tas-26 ta′ Jannar, 2024.

**Ikkunsidrat,**

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta′ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta′ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta′ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti hija Qorti ta′ revizjoni u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**[1]

> *hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta din il-Qorti (kemm fil-kaz ta appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***<u>ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghallkonkluzzjoni li waslet ghaliha.</u>*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***<u>izda taghmel apprezzament approfondit talistess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.</u>*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghallkonkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li*

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[2]" [12.5.94]; "I**r-Repubblika ta 'Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[6]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddel s-sentenza tagħha, diment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista 'ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta 'Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[5] [1969] 1 QB 276.
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta_'Malta vs. Ivan Gatt**,[7] ingħad illi :

> *Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta din il-Qorti fil-kaz prezenti u f kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li **tezamina l-provi dedotti f_dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta_din il-Qorti huwa li tirrispetta dik iddiskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semgħet ix-xhieda hi kif tkun semgħathom l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Għaldaqstant, din il-Qorti tista 'ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, iżda jekk din setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Iżda, din il-Qorti tagħmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konkluzzjoni ta 'ħtija.

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tas-suespost jirrizulta li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u lil min għandha temmen din il-Qorti u dan għaliex *in breve* Lawrence Galea jgħid li kien l-imputat *qua* appellant illi ħebb għalih u qallu jitlaq 'il barra għax jaqtalu rasu barra, li gidimlu widintu u raħ ħalqu kollu demm, ra ħafna demm mal-art u ra biċċa

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

minn widintu mal-art, kif certifikati minn Dr. Joseph Galea, waqt li l-appellant isostni li kien il-*parte civile* li ħebb għalih, waqt li huwa prova jkeċċih il-barra. Il-familjari tal-appellant fl-ebda ħin ma kienu preżenti meta skatta l-inċident, pero irrikorrew għall-garaxx wara li semgħu l-għajat.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li sabiex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-akkuża dedotta, għandha tigi ppruvata *oltre* kull dubbju dettat mir-raġuni. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**[8], fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta 'prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta 'prova li ma jħalli ebda ombra ta ' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-*buon sens* tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.':

> *Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. of course it is possible but not in the least probable , the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

[8] Qorti tal-Appell Kriminali deċiża 5 ta 'Dicembru, 1997

Fis-Sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**[9] ġie ritenut li:

> *Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[10] gie ritenut illi:

> *it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu *Diritto Penale*[11]

> *il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[12] fejn ġie spjegat x'jiġri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verzjonijiet konfliġġenti. Jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioe jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għal piena jew għal xi provvediment ieħor.

---

[9] Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fil-5 t 'Ottubru, 1998
[10] Qorti tal- Appell Kriminali deciza fid-19 ta 'Mejju, 1997
[11] Vol III Capitolo IV pagina 234, Edizione 1980
[12] Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta 'Settembru, 2002

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-prinċipju li joħroġ minn dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom ukoll jiġu applikati f'dan il-każ fejn l-eżami tal-konsistenza u l-kredibbilita ta 'xhud isiru determinanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza.

Fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ kollu fuq ix-xhieda ta' Lawrence Galea. Huwa paċifiku illi l-bint l-imputat *qua* appellant Evangelique Sultana u l-*parte civile* Lawrence Galea kellhom relazzjoni li ntemmet fil-jiem antiċedenti għall-inċident. Mhux kontradett lanqas illi għall-ħabta ta' 2:30pm tat-30 ta' Gunju 2017 Galea mar sabiex jiġbor xi għall-affarijiet li kien taha waqt ir-relazzjoni, mir-residenza ta' Sultana. Jirriżulta ukoll li l-inċident seħħ fil-garaxx ta' din ir-residenza. L-*parte civile* irrikorriet l-għassa sabiex jagħmel rapport[13] nofs siegħa wara l-okkorrenza tal-inċident. Minkejja li d-dinamika tal-inċident ma hix ċara *stante* ż-żewġ verżjonijiet kuntrastanti tal-*parte civile* fuq naħa u tal-imputat *qua* appellant u l-familjari tiegħu fuq in-naħa l-oħra, bħala stat ta' fatt, kif anke ċċertifikat[14] mit-tabib **<u>Dr Joseph Galea,</u>** fit-30 ta' Gunju 2017, Lawrence Galea tilef parti minn widintu.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li **<u>l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista 'jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati.</u>** Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.[15]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra tagħti qies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt

[13] Ara Dok ST1, a fol. 40 tal-atti proċesswali
[14] Ara Dok JG 1 , a fol. 14 tal-atti proċesswali
[15] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta 'fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta 'Malta.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l- Qorti, f 'każ ta 'konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konkluzjoni tagħha. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom –ċioe 'l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex *in breve* tevalwa l-evidenza li nġiebet quddiem l-Ewwel Qorti b'mod akkurat u approfondit.

Illi l-*parte civile* **Lawrence Galea**[17] xehed illi huwa kien f'relazzjoni mat-tifla tal-imputat *qua* appellant Evangelique Sultanta, liema relazzjoni damet għal madwar tlett snin u nofs. Spjega illi xi jiem qabel l-inċident din ir-relazzjoni intemmet. Huwa kellu jgħaddi għal xi affarijiet tiegħu dakinhar tal-inċident iġifieri fit-30 ta' Ġunju 2017 għall- ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar wara li jlesti mix-xogħol. Jelabora illi meta ħabbat il-bieb ħareġ l-imputat *qua* appellant li qallu "*itlaqli 'l barra għax naqtalek rasek barra!*". Jgħid illi huwa irrispondih illi ma marx hemm bi ġlied iżda biex jiġbor ħwejġu. Jistqarr illi l-imputat qua appellant "*għaqqad il-ponn*" u qallu "ejja, ħa naqtagħlek rasek barra!", u ħebb għalih "qisu vleġġa" u qatgħalu biċċa minn widintu. Jgħid ukoll li spiċċaw jiġġieldu mal-art għaliex l-imputat *qua* appellant ma riedx jerħi tant illi jsostni illi "*biex jerħi kelli naqbadlu l-parti tiegħu*". Hu jgħid li x'ħin qamu jara "ħafna demm f'ħalq Lawrence Sultana, ħafna demm mal-art, fosthom nara biċċa minn widinti fl-art, u l-imputat kien izappap u mar jiġri għal fuq il-mejda jzappap" fejn saħansittra mar iġib bastun biex jixħetulu. Ix-xhud jgħid li telaq jiġri 'l barra b'xokk qawwi għaliex ra ħafna demm u mar l-għassa jagħmel rapport fejn inqal lilu li għandu jmur il-polyclinic

[16] Deċiza fid-9 ta 'Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[17] Ara x-xhieda mogħtija fit-13 ta' Frar 2018, a fol. 29 tal-atti proċesswali

tar-Rabat Għawdex. Meta nvistah it-tabib Dottor Joseph Galea qallu li għandu parti minn widintu "*nieqsa u ma titranġax, ma terġax tikber.*" Jispjega li wara l-inċident kellu jirrikorri għall-għajnuna psikjatrika ta' Dottor Spiteri li tah ukoll xi medikazzjoni, kif ukoll li ikkonsulta ma' *plastic surgeon* li ukoll ikkonferma li l-widna mhux se tikber weħidha u li hemm bżonn ta' intervent kirurġiku. Mistoqsi in kontro-eżami jekk l-imputat qua appellant ordnalux jitlaq 'l barra mill-propjetà huwa jikkonferma u jgħid illi huwa baqa' ma telaqx għaliex ried jiġbor l-affarijiet.

**Dr Joseph Galea**[18] xehed illi huwa ezamina lil *parte-civile* u ikkonferma li kellu ferita. Madanakollu stqarr illi ma setax jikkonkludi kif l-appellant prokurha pero' sostna illi huwa difficli illi "*taħbat widnejk ma xi ħaġa u taqtagħha kompletament il-barra.*" Preżenta ukoll iċ-ċertifikat mediku (a fol.14) fejn iċċertifika l-ġrieħi ta' natura gravi.

PC 698 **Shaun Tabone**[19] ippreżenta rapport tal-okkorrenza tal-inċident. Huwa jispjega illi mar fil-garaxx tal-imputat *qua* appellant wara li sar ir-rapport fejn sab lill-Sultana u ħa l-verżjoni tiegħu. Jgħid ukoll illi l-verżjoni ta' Lawrence Galea ittieħdet iktar tard.

PS 428 **Carmelo Debattista**[20] jispjega illi huwa kien patrol u għal ħabta ta-3:00pm, tqabbad imur fi Triq it-31 ta' Marzu fir-Rabat , Għawdex. Jgħid illi meta marru hemmhekk ma sabu lil ħadd u ħadd ma fetaħ meta ħabtu fuq il-bieb.

PC688 **Josmar Micallef**[21] jispjega li huwa kien qed jagħmel ronda u għal ħabta ta-3:00pm, tqabbad mill-Għassa sabiex imur fi Triq it-31 ta' Marzu fir-Rabat, Għawdex għaliex kien hemm suspett illi l-*parte civile* reġa' mar fuq il-post wara li ġara l-inċident. Jispjega illi huma daħlu fil-garaxx tal-imputat *qua* appellant u sabu lill-imputat *qua* appellant mindud għax kellu xokk fuqu, iżda l-*parte civile* ma kienx hemm. Mistoqsi in kontro eżami jekk lilu l-imputat *qua* appellant għaddilux il-*mobile* jgħid li le u lanqas ma jiftakar li għaddha l-mobile lis-Surġent. Jgħid ukoll li fil-garaxx ma rax demm.

---

[18] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta 'Marzu 2018, a fol. 38 tal-atti proċesswali
[19] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta 'Marzu 2018, a fol. 38 tal-atti proċesswali
[20] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta 'Marzu 2018, a fol. 54 tal-atti proċesswali
[21] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta 'Marzu 2018, a fol. 56 tal-atti proċesswali

Illi l-Qorti inkarigat lill-**Dottor Michael Refalo**[22] sabiex bħala espert forensiku jinvista lill-Lawrence Galea wara li jerġa jikkonsulta maċ-ċertifikat esebit *a fol 14* maħruġ mit-tabib Dottor Joseph Galea u jistħarreġ dwar il-permanenza *o meno* tal-ferita. Huwa eżebixxa rapport fejn jgħid illi l-ferita kienet waħda rregolari u ikkonkluda illi l-*parte civile* qed issofri minn nuqqas ta' parti mill-obbju tal-widna tax-xellug b'dijamitru ta' 1.6cm, li ħalliet effetti permanenti fuq l-apparenza viżibbli. It-toqba tal-misluta kienet għadha intatta. Iżda jispjega ukoll illi l-inkarigu ma kienx jestendi sabiex jiddetermina x'ikkawża l-ferita.

Illi fl-istqarrija[23] illi l-imputat *qua* appellant **Lawrence Sultana** fit-3 ta' Lulju 2017 fl-għassa tar-Rabat Għawdex huwa jgħid illi *"Dan kien għall-ħabta 3:00pm ġie d-dar Lawrence u jien ftaħtlu. Jien għidtlu xi ġara Wenz u hu qalli l-affarijiet fejn huma? X'hin jien weġibtu, dawn x'affarijiet huma u hu tefgħani għall-dahari mal-art billi imbuttani. Jien waqajt mal-art, iżda qomt u mbutajtu biex joħroġ l-barra."*

L-imputat *qua* appellant **Lawrence Sultana**[24] għażel li jixhed fil-proċeduri u dan minnjeddu u b'mod volontarju. Fit-3 ta' Lulju 2018 huwa spjega illi għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar Lawrence Galea mar ihabbatlu. Huwa jgħid li fetaħlu mill-garaxx u saqsih x'ġara. Hu jispjega illi l-*parte civile* talbu l-affarijiet tiegħu u peress li hu ma kien jaf b'xejn għajat lit-tifla li kienet fuq. Hija qaltlu li lil *parte civile* kienet qaltlu biex ma jmurx id-dar u li kellha ċċempillu x'hin tlestihomlu u tiltaqa miegħu barra fit-triq u ttihomlu. Jżid illi l-*parte civile* qabdu minn sidru. Huwa rrisponda billi qallu *"Ħallini u itlaqli 'l barra minn hawn!"* Filwaqt li qallu ukoll sabiex jistenna lit-tifla barra. Jtenni illi qam u għal darb'oħra qallu joħroġ 'l barra mill-garaxx u jħallihom bi kwiethom. Irrimarka ukoll li huwa marid b'qalbu. Jistqarr li f'dal-punt l-*parte civile* qabdu minn sidru, tah daqqa ta' ponn f'sidru u reġa' ramieh mal-art u kompla jtih. Jelabora li qam jiġri minn taħtu u mbuttah fuq il-bieb tal-aluminium tal-garaxx li kien għadu miftuħ, u li forsi kien hawnhekk li l-*parte civile* ħabat rasu mal-bieb, pero huwa

[22] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta 'Marzu 2018, a fol. 43 tal-atti proċesswali
[23] Ara Dok BCS 1 a fol.18 tal-atti proċesswali
[24] Ara x-xhieda mogħtija fit-3 ta 'Lulju 2018, a fol. 67 tal-atti proċesswali

fl-ebda ħin ma ra demm. Iżid jgħid illi għal darb'oħra l-*parte civile* reġa qabdu minn sidru, tah daqqa f'siequ f'irkoptu l-leminija u tefgħu mal-art mill-ġdid, beda joffendih bil-familja filwaqt li beda jheddu li se joqtlu u li qabel joqtlu ma joħroġx mill-post. Huwa jgħid illi l-*parte civile* baqa jtih sakemm niżlu fil-garaxx il-mara u t-tifla wara li semgħu l-għajat u neħħewh minn fuqu filwaqt illi hu beda jitkaxkar għal fuq is-sufan. Jżid illi kien hawn illi l-*parte civile* ħareġ barra waqt li kompla jheddidhom: qal lit-tifla li "*jisparixxiha jekk ma terġax tirranġa miegħu*", lilu qallu "*tiegħek ma ħlistiex għax* ħajtek *irrid nagħmilhielek infern*" filwaqt li lill-mara qallha "*Santa Marija ma tarahiex iżjed*". Qal illi malli l-*parte civile* telaq huwa ċempel lill-Pulizija. Jgħid illi l-*parte civile* kien se jerġa jmur għalih iżda x'ħin semgħu ikellem lill-Pulizija telaq 'l hemm. Spjega li l-Pulizija reġgħu marru fuq il-post iżda l-*parte civile* ma reġax mar. Jgħid ukoll li l-*parte civile* ċempillu bil-*mobile* fuq numru differenti milli kien juża s-soltu, waqt li kien hemm il-Pulizija, u kompla jheddu, iżda meta għadda l-*mobile* lill-Pulizija li staqsa min kien qed jitkellem l-*parte civile* qata l-linja. Ix-xhud ċaħad illi gidem widint il-*parte civile* u stqarr illi ma jafx kif il-*parte civile* tilef parti minn widintu. Ċaħad ukoll illi huwa attakka lill-*parte civile* u li dan qabadlu l-parti privata tiegħu biex jinħeles minn taħt idejh. Ix-xhud jispjega li huwa mar l-isptar minħabba d-daqqiet illi sofra fejn sabu illi kellu tlett ligaments ta 'saqgħajh maqtugħin, wieħed minnhom maqtugħ b'mod permanenti. Jgħid ukoll illi it-tifla kellha tbengil u li l-mara kellha f'moħħha daqqa taċ-ċavetta tal-van li l-*parte civile* żamm fuqu.

**Maria Sultana**[25] xhedet illi meta semgħet l-għajat, niżlet fil-garaxx u pruvat tferraq lill-Lawrence Galea u lil żewġha Lawrence Sultana. Tgħid illi l-*parte civile* qabad itiha u jheddidha li ma kinitrx se tara lill-Santa Marija. Iżżid illi kellhom jimbuttawh il-barra mill-garaxx. Spjegat illi l-*parte civile* kellu ċavetta f'idu u biha għamillha farrett fuq moħħha. Tgħid li soffriet ukoll diversi tbengil fuq ġisimha. Tispjega illi t-tifla Evangelique Sultana qalet lill-*parte civile* "*jiena għalxejn għedtlek biex id-dar ma tiġix?*" u ċemplet ukoll għall-ambulanza. Iżżid tgħid illi xi ħadd mill-ġirien ċempel lill-Pulizija iżda l-*parte civile* kien laħaq telaq sakemm dawn irrikorrew fuq il-post. Qalet ukoll illi waqt illi l-imputat *qua* appellant kien l-isptar, il-*parte civile* ċempel u kellem lit-tifla fejn

[25] Ara x-xhieda mogħtija fit-3 ta 'Lulju 2018, a fol. 74 tal-atti proċesswali

saqsiha "*mela intom ġibtu l-Pulizija*?" u hi irispondiet "*le…familja ħassartieli!"* Mistoqsija dwar kif ġiet nieqsa parti minn widnejħ, hi stqarret li ma tafx kif imma li bdew jimbottawħ ħafna fil-bieb biex ikeċċuh. Tgħid ukoll li mal-art ma ratx demm.

Fix-xhieda tagħha **<u>Evangelique Sultana</u>**[26] ikkonfermat illi kienet f'relazzjoni mal-*parte civile* u li din intemmet. Tgħid li dakinhar tal-inċident hija kienet l-iskola u l-*parte civile* ċemplilha sabiex jiġbor il-ħwejjeġ tiegħu. Qaltlu illi la tmur id-dar kienet se tlestilu kollox, iċċempillu, jiltaqgħu u tgħaddihomlu. Qaltlu ukoll illi ma kellux għalfejn imur id-dar. Tgħid illi fil-ħin tal-inċident hija kienet qed tinħasel, semgħet il-bieb iħabbat u semgħet lill-missierha jgħajtilha u jinfurmha li kien hemm il-*parte civile.* Tgħid illi lil missierha irrispondietu *"jiena dak diġà ftehmt miegħu, l-affarijiet se nagħtihomlu, għidtlu, biex ovvjament id-dar ma jiġix u ħa nagħtihomlu mill-aktar fis possibli*". Fid-daqqa u l-ħin tismgħa ħafna għajat, lil missierha jgħajtilha "*inżel, inżel, inżel!"* u jgħajat "*oħroġ 'il barra! Lilna ħallina bi kwietna, m'għandekx xi tridna! Iżżid tgħid* "ilbist kif stajt, inżilt u nsibu qiegħed hemmhekk f'nofs il-garaxx. Jiena għidtlu tipo m'għandekx xi tridna, ħallina bi kwietna, l-affarijiet se nagħtihomlok. Beda jgħajat Galea, insib lil missieri muġugħ, ommi tipprova tgħinna kif tista'". Telabora illi missiera beda jgħid lill-*parte civile* sabiex joħroġ il-barra. Tgħid illi l-*parte civile* beda jgħajat "noqtlok! Noqtlok! Għadek ma tafx x'inhu ġej għalikom! Il-kbir għadu ġej! Ħajjitkom nagħmilhielkom miżerja! M'inhix se nħallikom tgħixu bi kwietkom!" u ħareġ il-barra. Tgħid ukoll illi hi ċemplet għall-ambulanza. Iżżid illi hi soffriet xi tbengil fuq ġisimha li ġew ikkawżati biċ-ċavetta tat-trakk tal-*parte civile* li kienet ippuntata l-barra. Tippreżenta ukoll set printjat ta' messaġġi skambjati bejnha u bejn il-*parte civile* kif ukoll messaġġi illi allegatament il-*parte civile* bagħat lill-sħabha anke *tramite fake account* fuq media soċjali[27].

Illi huwa prinċipju ben stabbilit li xhud wieħed, jekk emmnut, huwa biżżejjed biex tigi pruvata xi mputazzjoni[28]. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita

[26] Ara x-xhieda mogħtija fit-3 ta 'Lulju 2018, a fol. 81 tal-atti proċesswali
[27] A fol. 88 – 138
[28] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Il-Pulizija vs Antoine Cutajar deċiża 16 ta' Marzu 2001

lil Lawrence Galea li ta verzjoni li hija verosimili. Oltre dan però kellha l-konfort taċ-ċertifikat tat-tabib illi kien invista lill-Galea wara l-incident kif ukoll tar-relazzjoni tal-espert forensiku Dr Michael Refalo. Min-naħa l-oħra x-xhieda tal-appellant kienet ferm prevedibbli. Innega illi huwa ħebb għall-parti leza. Madanakollu anke l-verżjonijiet tal-fatti kif indikatti mill-appellant huma diverġenti dwar id-dinamika tal-inċident. Meta mitkellem mill-PC 698 Shaun Tabone kif indikat fir-rapport preżentat a fol. 41-42 Sultana jgħid illi "*Kont qiegħed fil-garaxx w gie Wenzu ghall-affarijiet. Jiena ghedtlu sabiex joqghod barra izda hu mbotta l-bieb u baqa diehel fuqi u beda jaghtimi kemm jiflah. Irrid nghid li jiena pruvajt niddefendi lili nnifsi kemm nista w jista jkun li c-cinga tal-arlogg tieghi qabditlu mal-misluta ta' widneh u gbitlu widnejh*". Iktar tard kemm fl-istqarrija rilaxxata kif ukoll fix-xhieda tiegħu fl-ebda ħin ma jerġa jissemma' li l-*parte civile* imbotta l-bieb, illi in oltre diġà jirriżulta li kien miftuħ. La t-tifla u wisq anqas il-mara tal-appellant ma kienu preżenti meta l-inċident żvolga hekk kif it-tnejn li huma niżlu fil-garaxx konsegwenza tal-għajat li semgħu. Jirriżulta ukoll mix-xhieda kemm tal-appellant kif ukoll tat-tifla tiegħu Evangelique Sultana illi segwiet konverzazzjoni mill-ħin li fih l-appellant fetaħ il-bieb sa' ma effettivament eskalat is-sitwazzjoni. Wisq anqas ma jerġa jissemma l-arloġġ tal-appellant, bħala l-kawża tat-tiċrita tal-widna. Anzi jissemma l-bieb tal-aluminju u li allegatament seta' ħabat rasu miegħu. Pero' fl-ebda ħin ma ngħatat prova illi tali bieb kellu xi xifer appuntit jew li setgħa jikkawża l-ferita kompatibbli ma dik sofferta mill-*parte civile*.

L-appellant qed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx kaz tad-difiza imressqa minnu u ċioe' dik tal-legitttima difesa. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-elementi rikjesti mill-liġi, sabiex tara jekk dak nvokat mid-difiża tal-legittima difesa għandux bażi. Il-prinċipju tal-leġittima difiża ġie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et[29] :**

[29] Kumpilazzjoni Nru 1366/2012 Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fit-27 ta' Ġunju 2017 per Magistrat Consuelo Scerri Herrera

*Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna til a b forza l-vjolenza jew aggressivita ta persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħol ot sitwazzjoni ta perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur ,sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega Antolisei –*

*occorre in fine che l aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*

Fil-Manuale di Diritto Penale Generale[30], insibu li *pericolo attuale e il pericolo presente."*

*[... Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu talforza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi mil għuha. Ċioe t-theddid ta xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta dak ilħin, u mhux xi theddida ta perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Ilperikolu jrid ikun assolut, ċioe li f dak il-mument li kien ed iseħħ ma setax jiġi evitat b xi*

---

30 Pagna 261

*mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat ittest oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x seta  għamel jew x messu għamel jew x messu għamel id-difensur (imputat) abel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*

Fil-fatt kif jgħid il-**Professur Mamo** fin-noti tiegħu:

> *the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*
>
> *Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża  u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit;*

*[…]*

*[…]*

> *[F]id-difesa leġittima, huwa m għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta  perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma talaggressjoni jew minaċċja ta perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f***ċ****'irkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement.*

Fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta 'Malta vs Martina Galea</u>**[31], l-Qorti saħqet illi:

> *"… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghaddiriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita , meta l-akkuzat*

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Jannar 1986

*cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat would not escape though he could."*

Fil-**<u>Pulizija vs Salvu Psaila</u>**[32] l-Qorti qalet illi:

*(a) Il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*(b)Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab filperikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;*

*(c) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahhar nett li;*

*(d)Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` taddifiza r-reazzjoni ta min igib il uddiem il- feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta l-att per se antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra) … irid ikun hemm proporzjonalita…"*

Illi għalhekk *in vista* ta′ tali provi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant ħati talli kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta′ Lawrence Galea. Din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konkluzjoni illi waslet għaliha u għalhekk mhux il-każ li tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta′ Novembru 1963

Illi fir-rigward dak li jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti huwa indubitat illi din taqa′ sewwasew fil-parametri tal-liġi u għaldaqstant hija waħda ekwa u ġusta. Kwindi l-Qorti ma tista′ tara li hemm ebda mottiv li jista ′jwassalha biex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad lappell imressaq mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir-rigward mertu kif ukoll rigward il-piena imposta.**

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef